MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2039/2002

**Henry Gauci Borda ezercenti fil-kummerc bl-isem Aprilia Hotel, u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2002, giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi isem l-attur jitnizzel bhala Aprilia Hotel Limited**
**vs**

**SMS Travel and Tourism Limited proprio u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Kreutzer Touristik Gmbh tal-Germanja**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm263.93), rappresentanti bilanc ta' somma akbar ta' kumpens ghall-okkupazzjoni ta' turisti mibghuta mill-konvenuti u akkomodati fl-istess lukanda mmexxija mill-attur ;**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz.**

**Ra r-risposta prezentata fl-20 ta' Settembru, 2002, fejn intqal illi s-socjeta` konvenuta tichad it-talbiet tal-attur stante li dawn huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt kif jista' jigi spjegat fl-ezitu tal-kawza ;**
**Preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma preskritti skond l-Artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili.**

**Semgha x-xhieda ta' Henry Gauci Borda, Samuel Mifsud, Federica Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u sema' lid-difesnuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz huwa dwar kumpens ghall-turisti mibghuta mis-socjeta` konvenuta u akkomodati fil-lukanda tas-socjeta` attrici.**
**2. Bhala fatti is-socjeta` attrici kienet inkarigata li takkomoda grupp ta' turisti bejn it-12 ta' Mejju, 1999 u s-16 ta' Mejju, 1999, u dana a bazi ta' «booking » li sar f'Dicembru, 1998.**
**3. Gara li fi Frar, 1999, is-socjeta` attrici kellha problemi fis-sistema tal-« computer », u ghalhekk kellhom isiru il-verifiki ma diversi kumpaniji. Jirrizulta li s-socjeta` attrici, fir-rigward, fost kumpaniji ohra, tkellmet mas-socjeta` konvenuta. Il-kuntatt sar ma' persuna mis-socjeta` konvenuta li, ad insaputa tas-socjeta` attrici, kien inkarigat biss mill-« bookings » ta' individwi u mhux ta' gruppi.**
**4. Ghalhekk meta s-socjeta` konvenuta cemplet lis-socjeta` attrici lejliet li wasal il-grupp mill-Germanja f'Malta, is-socjeta` attrici ma sabitx l-postijiet riservati ghalihom.**
**5. Jirrizulta li s-socjeta` attrici hadet hsieb li toffri lil dan il-grupp akkomodazzjoni f'lukanda ta' kategorija ghola, id-Days Inn, liema lukanda hi « three star silver », filwaqt li l-Aprilia Hotel hi « three star bronze ». Apparti minn dan, sar upgrading ukoll billi minn « bread & breakfast » tpoggew fuq « half-**

**board », u gie accettat li jinghataw zewg tours ta' nofs gurnata l-wiehed.**

**6. Skond Henry Gauci Borda, direttur tas-socjeta` attrici, wara li l-grupp telaq minn Malta, ircieva invoice minghand is-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' « excursion » fuq il-Captain Morgan, liema « excursion » ma kienet qatt giet accettata mis-socjeta` attrici u lanqas ma tkellmu fuqha. L-istess xhud jghid li hu kien kellem fir-rigward lil certu Zammit Briffa u Gregory Scicluna tal-Captain Morgan, li qalulu li qatt ma kienu hargu dak l-invoice. It-Tribunal jinnota fir-rigward li ma hemm ebda konferma dwar dak li qed jallega l-attur fir-rigward.**

**7. Skond Samuel Mifsud, Direttur tas-socjeta` konvenuta, il-lukanda li fiha tpoggew it-turisti hija ghar mill-Aprilia Hotel. L-istess xhud sostna li l-gurisdizzjoni dwar il-kaz kien jispetta lill-Qrati Tedeski, u dana skond ma ntqal lilu mill-prinicpal tieghu Kreutzer.**

**8. Skond Federika Agius, it-« tour » li kellu jsir fit-13 ta' Mejju, 1999, gie mhassar peress li l-klijenti ma riedux imorru.**

**9. Bhala fatti, mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi l-ammont mitlub jirrigwarda invoices precedenti kif qed tallega s-socjeta` attrici, izda jirrigwarda proprju dan il-grupp ta' turisti li gew mill-Germanja bejn it-12 ta' Mejju, 1999 u s-16 ta' Mejju, 1999. Jirrizulta mid-Dok.FA4, li hu fax datat 11 ta' Mejju, 1999, li s-socjeta` konvenuta kienet gustament ilemtat mas-socjeta` attrici minhabba it-tahwid fir-« reservations » tal-grupp li kien gej. Saru t-talbiet mis-socjeta` attrici dwar « upgrading » u « excursions » u dawn gew accettati mis-socjeta` attrici.**

**10. Jidher mid-Dok.FA3 li saru arrangamenti ghall tour mal-Captain Morgan Cruises, liema tour gie kancellat. Mid-Dok.FA1 mibghut mis-socjeta` attrici, jirrizulta l-ammont dovut ghall-kancellament.**

**11. Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kellha taghmel xi pagamenti lis-socjeta` attrici u dana sar skond ma jidher mill-ittra datata 5 ta' Frar, 2001, u mill-ammont dovut tnaqqas l-ammont ta' mitejn u tlieta u sittin lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm263.93) li s-**

**socjeta` konvenuta hallset ghall-kancellament ta' tour li inghatat mis-socjeta` attrici meta sar l-« upgrading » koncernanti il-grupp imsemmi.**
**12. Dwar li l-azzjoni hija preskritta skond l-Artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili, u cioe il-preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena, it-tribunal jinnota illi l-ahhar pagament sar fil-5 ta' Frar, 2001 skond ma jirrizulta mid-Dok.B. Din il-kawza infethet fis-27 ta' Awissu, 2002. pero in kwantu l-eccezzjoni li nghatat mis-socjeta` konvenuta hija wahda ta' tpacija, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta. (vide Maraiann Spiteri et vs Joseph Vella deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Mejju, 1993.**
**13. Dwar il-meritu, it-Tribunal jinnnota illi s-ocjeta` attrici ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha. Hemm dokumentazzjoni minflok li turi li l-ammont li qed tirreklama is-socjeta` attrici gie mnaqqas mis-socjeta` konvenuta mill-ammont dovut lis-socjeta` attrici, peress illi hi hallset l-ammont resultanti mill-kancellament tat-tour. Stante li hlas tat-tour kien responsabilita` tas-socjeta` attrici, kienet hi eventwalment responsabbli li thallas ghall dan il-kancellament. Ghalhekk it-talba attrici ma hix gustifiakata.**

**Ghaldaqstant filwaqt illi qed jichad l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata, cioe` li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2147(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal fil-meritu qed jichad it-talba attrici peress illi ma tirrizultax.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------